



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

10.2.2012

B7-0062/2012

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B7-0030/2012

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Petizzjoni 0924/2011, imressqa minn Dan Pescod, ta' ċittadinanza Brittanika, f'isem l-Unjoni Ewropea għall-Għomja (EBU)/l-Istitut Nazzjonali Rjali għall-Għomja (RNIB), dwar l-aċċess tal-għomja għall-kotba u prodotti stampati oħra (2011/2894(RSP))

**Erminia Mazzoni**

f'isem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet

RE\891979MT.doc

PE483.120v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Petizzjoni 0924/2011, imressqa minn Dan Pescod, ta' ċittadinanza Brittanika, f'isem l-Unjoni Ewropea għall-Għomja (EBU)/l-Istitut Nazzjonali Rjali għall-Għomja (RNIB), dwar l-aċċess tal-għomja għall-kotba u prodotti stampati oħra (2011/2894(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet tat-13 ta' Jannar 2012 lill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Petizzjoni 0924/2011, imressqa minn Dan Pescod, ta' ċittadinanza Brittanika, f'isem l-Unjoni Ewropea għall-Għomja (EBU)/l-Istitut Nazzjonali Rjali għall-Għomja (RNIB), dwar l-aċċess tal-għomja għall-kotba u prodotti stampati oħra (O-000005/2012 – B7-0029/2012 u O-000006/2012 – B7-0030/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-għomja u l-persuni nieqsa mid-dawl fl-Unjoni Ewropea għandhom aċċess ristrett ħafna għal kotba u prodotti stampati oħra peress li 95 % tax-xogħlijiet kollha ippubblikati qatt ma jiġu konvertiti għal 'formati aċċessibbli' bħal Braille, tipa kbira jew awdjo;
  - B. billi globalment bħalissa ma hemm ebda standard legali internazzjonali għal eċċezzjoni mmirata għar-regoli tad-drittijiet tal-awtur għal distribuzzjoni transkonfinali ta' formati adattati għal persuni b' diżabilità fil-kitba stampata;
  - C. billi l-Kumitat għad-Drittijiet tal-Awtur tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO) qed iqis trattat internazzjonali li jtejjeb l-aċċess tal-kotba għall-għomja u l-persuni neqsin mid-dawl;
  - D. billi r-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea opponew b' mod konsistenti test legalment vinkolanti, li jiffavorixxi rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti;
  - E. billi fir-rapport tiegħu tat-13 ta' April 2011 dwar 'L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi'<sup>1</sup> il-Parlament Ewropew talab lill-UE tappoġġa trattat tad-WIPO vinkolanti;
  - F. billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b' Diżabilità, b' mod partikolari l-Artikoli 21 u 30, kif ukoll il-Karta Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali jstabbilixxu l-prinċipji applikabbli għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra persuni b' diżabilità;
1. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni jappoġġaw trattat tad-WIPO vinkolanti fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur għal kotba u prodotti pubblikati għal persuni għomja u nieqsa mid-dawl;

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0240.

2. Jagħti iStruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.